

Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7665/24

SOC 202
EMPL 111
ECOFIN 304
EDUC 88

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Marzu 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024**

1. Filwaqt LI JIRRIKONOXXI li wara rkupru qawwi fl-2022, l-attività ekonomika fl-UE naqset fl-2023, fost inflazzjoni għolja u inċertezzi ġeopolitiċi. Filwaqt LI JINNOTA li wara li laħqet l-oġhla livell tagħha ta' 11.5 % sena wara sena f'Ottubru 2022, l-inflazzjoni kienet qed tonqos u hija mistennija li tkompli tonqos għal 3.5 % matul l-2024.
2. Filwaqt LI JILQA' l-fatt li minkejja x-xokkijiet eċċezzjonali ffaċċjati f'dawn l-aħħar snin u t-tnaqqis reċenti fit-tkabbir ekonomiku, fir-rebbiegħa tal-2023, ir-rata tal-impjiegi tal-UE laħqet livell rekord ta' 75.4 % (70.2 % għan-nisa u 80.5 % għall-irġiel), filwaqt li l-qgħad naqas għal 6 % (6.3 % għan-nisa u 5.7 % għall-irġiel), l-aktar rata baxxa li qatt ġiet irreġistrata. Filwaqt LI JENFASIZZA, madankollu, li minkejja l-prestazzjoni qawwija tas-suq tax-xogħol tal-UE, għad hemm differenzi bejn u fi ħdan l-Istati Membri, inkluż fil-livell reġjonali u fost il-gruppi tal-popolazzjoni.
3. Filwaqt LI JISĦAQ li l-livelli għoljin persistenti ta' nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet joħolqu ostakli għall-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, u konverġenza soċjali 'l fuq. Filwaqt LI JENFASIZZA li n-nuqqasijiet huma l-aktar prominenti fil-kura tas-saħħa, il-konstruzzjoni, il-professjonijiet relatati ma' STEM, u ċerti okkupazzjonijiet ta' servizzi, u jirriżultaw ukoll minn impjiegi u rekwiżiti ta' kompiti ġodda relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali li mhumix akkumpanjati b'mod adegwat minn ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol fil-forza tax-xogħol, kif ukoll minn popolazzjoni li qed tixjieħ u f'ċerti każijiet minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena.
4. Filwaqt LI JFAKKAR, f'dan il-kuntest, li l-ostakli strutturali għall-integrazzjoni sħiħa fis-suq tax-xogħol ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli għadhom prominenti, b'aktar minn 20 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (u kważi 30 % tan-nisa fl-età tax-xogħol) fl-UE li għadhom barra mill-forza tax-xogħol, inkluż tmien miljun żagħżuġ u żagħżuġha barra mill-impjieg, u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

5. Filwaqt LI JAFFERMA MILL-ĠDID li ż-żidiet nominali fil-pagi bejn l-2022 u l-2023, filwaqt li kienu evidenti, baqgħu taħt ir-rati għoljin ta' inflazzjoni u rriżultaw f'telf fil-kapaċità tal-akkwist, b'impatt sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Filwaqt LI JILQA' li, f'diversi Stati Membri, l-aġġornamenti tal-pagi minimi statutorji u ftehimiet ġodda ta' negozjar kollettiv qed itaffu parzjalment jew kompletament it-telf fil-kapaċità tal-akkwist.
6. Filwaqt LI JFAKKAR, f'dan il-kuntest, li djalogu soċjali b'saħħtu u negozjar kollettiv effettiv huma kruċjali għal aktar promozzjoni tal-iżviluppi fil-pagi li jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi u jissalvagwardjaw il-kompetittività, filwaqt li t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar pagi minimi adegwati tista' tgħin ukoll biex tipproteġi l-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu paga baxxa u tipprevjeni żidiet fil-faqar fost dawk li jaħdmu, u b'hekk issaħħaħ l-inċentivi għax-xogħol.
7. Filwaqt LI JINNOTA li, fil-kuntest soċjoekonomiku iebes ta' dawn l-aħħar tliet snin, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli fl-UE fl-2022 minħabba azzjoni politika deċiżiva li ttieħdet matul il-kriżi tal-enerġija, għalkemm il-faqar fost it-tfal mar kemxejn għall-agħar. Filwaqt LI JFAKKAR li filwaqt li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali wrew l-effettività tagħhom fl-appoġġ tar-reżiljenza matul kriżijiet reċenti, u b'hekk jipprevjenu żieda sinifikanti fl-għadd ta' persuni fir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u jaġixxu bħala stabbilizzaturi makroekonomiċi, l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tagħhom għadhom taħt pressjoni minħabba, fost l-oħrajn, it-tixjiħ tal-popolazzjoni.
8. Filwaqt LI JISĦAQ li l-faqar enerġetiku u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni huma sfidi dejjem akbar fl-Unjoni, fejn is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat żdied fl-2022, u waħda minn għaxar persuni fl-UE jgħixu f'unità domestika fejn l-ispejjeż totali tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli totali. Filwaqt LI JFAKKAR li, fiż-żewġ każijiet, persuni fir-riskju tal-faqar huma milquta sproporzjonalment minn dawn l-isfidi.

9. Filwaqt LI JISĦAQ li l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-progress lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar huma kruċjali għall-iżvilupp tal-azzjoni ta' politika tal-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u partikolarment b'kont meħud li:
- L-Unjoni tinsab fit-triq it-tajba lejn il-mira tar-rata tal-impjiegi ta' 78 % fl-2030 (74.6 % fl-2022), u l-Istati Membri kollha għamlu progress mill-2020 'l hawn;
 - Jenħtieġ li jsir aktar progress sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet ta' mill-inqas 60 % tal-adulti kollha li jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030 fl-Unjoni (37.4 % fl-2016);
 - Ser ikunu meħtieġa sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-faqar ta' tnaqqis fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030 fl-Unjoni (inkluż mill-inqas ħames miljun tifel u tifla), fid-dawl tal-istabbiltà wiesgħa (bi tnaqqis ta' 279,000 persuna biss fl-2022, meta mqabbel mas-sena preċedenti) u diversi Stati Membri pjuttost jesperjenzaw żieda fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.
10. Filwaqt LI JILQA' l-fatt li ċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024 ser jevalwa l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni u jipprovdi orjentazzjonijiet fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss ta' dawn tal-aħħar. Filwaqt LI JILQA' l-inklużjoni tal-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet, u r-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

11. Filwaqt LI JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi inkluża analiżi aktar b'saħħitha speċifika għall-pajjiż dwar ir-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC dwar dan tal-aħħar u r-rapport sottostanti mill-grupp ta' ħidma EMCO-SPC.¹ Filwaqt LI JIEĦU NOTA li tali analiżi hija implimentata abbażi tal-eżiti ta' proġett pilota volontarju mwettaq mill-grupp ta' ħidma bejn Ottubru 2022 u Mejju 2023. Filwaqt LI JINNOTA l-possibbiltà li ssir riflessjoni dwar irfinar tekniku futur possibbli tal-analiżi mwettqa bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-metodoloġija applikata għaliha fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Filwaqt LI JFAKKAR li l-Kunsill ħa nota tas-sejbiet tal-proġett pilota f'Ġunju 2023 li rrikonoxxew li kien hemm gradi differenti ta' appoġġ fost l-Istati Membri rigward l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.
12. Filwaqt LI JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli twettaq analiżi tat-tieni stadju aktar profonda dwar konverġenza soċjali 'l fuq fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024, bl-użu ta' sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva, b'rabta mal-Istati Membri li għalihom ġew identifikati riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

13. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli u s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, u jmexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali għall-2030.
14. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jippromwovu żviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, partikolarment għal dawk b'paga baxxa, f'konformità mal-prattiki nazzjonali u b'rispett sħiħ tar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali.

¹ Ara r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ([dok. 9481/23/ADD-1](#)) kif ukoll il-Messaġġi Ewlenin approvati mill-EMCO-SPC ibbażati fuq ir-rapport ([dok. 9481/23](#))

15. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu bl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jsaħħu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti, isaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, bil-ħsieb li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet minn impjieg għal impjieg għal setturi b'domanda qawwija għall-ħaddiema, filwaqt li jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni.
16. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali u jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fost it-tfal, anke fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, ix-xejriet demografiċi, l-impatt tal-inflazzjoni għolja fuq il-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, u l-livell dejjem akbar ta' faqar enerġetiku. JAPPELLA lill-Istati Membri biex janalizzaw aktar u jtejbu d-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli.
17. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li kwalunkwe implimentazzjoni oħra tal-analiżi tal-konverġenza soċjali 'l fuq ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC ma tissarrafx f'piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri u tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
18. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jivvalutaw l-impatt tal-analiżi pilota tal-konverġenza soċjali 'l fuq abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, inkluż fir-rigward tal-valur miżjud tiegħu u l-piż amministrattiv potenzjali fuq l-attivitajiet tagħhom u fuq iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024 u biex jinfurmaw lill-Kunsill.